# LECTIO DIVINA

# VI ĦADD TAL-GĦID (SENA A)

**Ġw 14:15-21**

**F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:**

Ġesù jissokta jqawwi qalb id-dixxipli tiegħu billi jiffoka d-diskors tat-tluq tiegħu fuq l-*imħabba* u l-*frott* l-imħabba tal-Imgħallem għalihom. L-imħabba għal Ġesù hija l-qofol, ir-raġuni (*raison d'être*) tad-dixxiplu. Id-dixxiplu li ma jħobbx jisfa nieqes mill-għajn ta' kull barka:«Ħa jkun misħut jekk xi ħadd ma jħobbx il-Mulej. Marana-ta!» (*1Kor* 16:22); «Il-grazzja magħkom ilkoll li tħobbu lil Sidna Kristu Ġesù b'imħabba li ma tmut qatt.» (*Efes* 6:24). Fil-lejl awl it-tbatija, quddiem «l-eżempju» li jagħtihom tal-imħabba li *titbaxxa* u *taħsel* ir-riġlejn (cfr *Ġw* 13:15), id-dixxiplu huwa mistieden biex jidħol f'dan id-dinamiżmu/atteġġjament tal-imħabba li huwa *ġdid* għaliex il-bniedem jirċievi l-qawwa li jħobb bħalma jħobb Alla-magħmul-bniedem u hekk jgħix fil-milja tiegħu l-ewwel u l-akbar kmandament tal-Mulej (cfr *Dt* 6:5). Hija silta li ddaħħalna fil-*qalba* u l-*intimità* tar-relazzjoni li d-dixxiplu għandu jkollu ma' dak li «ħabbna l-ewwel» (*1Ġw* 4:19).

**«Jekk tħobbuni, ħarsu l-kmandamenti tiegħi.**

L-imħabba tad-dixxiplu tidher mill-mod kif *iħares* il-kmandamenti tal-Mulej f'qalbu. Mhijiex kustjoni ta' osservanza esterjuri tal-liġijiet u l-preċetti tal-Mulej, ta' min jirrelata miegħU bħala "iben imjassar" li *kelmtu ma jiksirhielu qatt* (cfr *Lq* 15:29-30 ) jew "qaddej beżgħan" li jħossu mhedded aktar milli maħbub (cfr *Mt* 25:24-25). Il-"ħarsien" tal-kmandamenti iseħħ fil-«qalb tal-laħam» (*Eżek* 11:19) li tagħraf illi «l-preċetti tal-Mulej dritti, u jferrħu l-qalb; il-kmandament tal-Mulej safi, u jdawwal l-għajnejn» (*S* 19:9). Il-«kmandamenti» li d-dixxiplu għandu jħares huma dawk li jsibu fi Kristu l-perfezzjoni tagħhom (cfr *Mt* 5:39.46) u li permezz tagħhom il-bniedem jgħix l-imħabba: «Għax din hi l-imħabba ta' Alla, li nżommu l-kmandamenti tiegħu; u l-kmandamenti tiegħu mhumiex tqal.» (*1Ġw* 5:3). Il-*ħarsien tal-kmandamenti* jassigura li l-imħabba tad-dixxiplu ma tkunx xi sentiment vojt jew tal-mument, imma tkun *konkreta* ("inkarnata") kif inhija l-imħabba ta' Alla għall-bniedem: «Uliedi, ma nħobbux bil-kliem u t-

tpaċpiċ, imma bl-għemil u bis-sewwa.» (*1Ġw* 3:18). Għaldaqstant id-dixxiplu jrid joħroġ minn atteġġjament fqir u minimalista li josserva elenku ta' liġijiet miktuba u jidħol fl-atteġġjament tal-imħabba – li huwa aktar impenjattiv u esiġenti għax jinvolvi lill-persuna sħiħa bid-dimensjonijiet kollha tagħha – li titlob lill-bniedem li jinbidel minn ġewwa: «Għaliex fi Kristu Ġesù, biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajrha, xejn ma jiswa ħlief biss il-fidi li taħdem permezz tal-imħabba.» (*Gal* 5:6).

**U jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' magħkom għal dejjem, l-Ispirtu tal-verità, li d-dinja ma tistax tirċevih, għax hija la tarah u lanqas tagħrfu.**

Ġesù huwa l-ewwel "Paraklitu" (gr. «παρακλητος» tr. *parakletos*) li jidħol għalina quddiem il-Missier (cfr *1Ġw* 2:1): «Ġesù, billi jibqa' għal dejjem, għandu saċerdozju li ma jintemm qatt. Għalhekk ukoll huwa jista' jsalva għalkollox 'il dawk li bih jersqu lejn Alla, ladarba hu jibqa' għal dejjem ħaj biex jidħol għalihom.» (*Lhud* 7:24). Mit-talba tal-Iben lil Missier, id-dixxiplu jingħata «Difensur ieħor» - dan "l-Akbar Don ta' Alla" (Sekwenza *Veni Creator Spiritus*) mhuwiex frott it-talb tad-dixxiplu imma ġej mill-għaqda tal-Iben mal-Missier. It-talba tad-dixxiplu għandha tkun dik li jiftaħ qalbu għaliH u jħalli l-Ispirtu jmexxih (cfr *Rum* 8:13-14) sabiex iżomm sħiħa r-rabta tiegħu mal-Mulej: «Ħares bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu li jgħammar fina t-teżor sabiħ li kien fdat f'idejk.» (*2Tim* 1:14; cfr *Eżek* 36:27). Biex dan iseħħ id-dixxiplu jrid ikun imbiegħed mill-mentalità tad-dinja (il-mondanità) li timxi skont *spirtu ieħor* li hu kuntrarju għall-*imħabba li tingħata*: «Il-bniedem naturali ma jilqax il-ħwejjeġ tal-Ispirtu ta' Alla; għalih huma kollha bluha, ma jistax jifhimhom, għaliex ħadd ma jgħarbilhom jekk mhux bl-Ispirtu. Il-bniedem spiritwali jgħarbel kollox, u lilu ma jgħarblu ħadd.» (*1Kor* 2:14-15).

**Iżda intom tagħrfuh, għaliex jgħammar magħkom u huwa fikom.**

L-għoti tal-«Ispirtu tal-verità» jtemm il-wegħdiet marbuta mal-Patt il-ġdid (cfr *Is* 57:19) sabiex *ikun-ma'* – jakkumpanja għal dejjem lid-dixxipli hekk li huma qatt mhu ser ikunu waħidhom. Id-dixxiplu jagħraf l-Ispirtu kemm il-darba jagħraf lil Iben, u lil Missier fl-Iben u hekk joħroġ mill-għama tad-dinja għax bir-rabta tal-imħabba jilqa' l-Ispirtu li jirrivelalna dak li Alla lesta għal dawk li jħobbuh (cfr *1Kor* 2:6-13). Id-dixxiplu jista' jagħrfu għaliex għandu qalbu miftuħa

għal Ġesù (cfr *1Ġw* 4:8). Dan l-Ispirtu jgħammar fid-dixxiplu għaliex Alla jħobbu għal dejjem (cfr *S* 117:2) – frott din l-imħabba li tidher f'Ibnu l-Waħdieni u fl-għotja tiegħu fuq is-Salib, id-dixxiplu jirċievi n-*nifs tal-Ispirtu* li jidħol jgħammar fih (cfr *Ġw* 19:30). L-"inabitazzjoni" tal-Ispirtu fid-dixxiplu u tad-dixxiplu fl-Ispirtu hija relazzjoni ta' mħabba fejn il-maħbub jidħol fil-qalb ta' dak li jħobbu hekk li anki l-istess imġiba tad-dixxiplu ssir espressjoni ta' din l-imħabba – issir *morali personalizzata* frott l-imħabba.

**Ma nħallikomx iltiema. Nerġa' niġi għandkom. Ftit ieħor, u d-dinja ma taranix aktar. Iżda intom tarawni, għax jiena ngħix, u intom ukoll għad tgħixu.**

Il-Mulej iqis lid-dixxipli bħala *wliedu ċkejknin* (cfr *Ġw* 13:33) li mhux ser iħallihom nieqsa mill-kura u l-għożża tiegħu: «Jiena, jien hu li nfarraġkom!» (*Is* 51:12) Ir-relazzjoni tad-dixxiplu hija dik mal-Imgħallem Irxoxt. Hija relazzjoni li tisboq lil dik fiżika-terrena: titlob li wieħed jara lil Ġesù b'għajnejn ġodda: dawk li jaraw f'Ġesù dak li ħabbhom sa miet u rxoxta għalihom (cfr *Ġw* 20:20), dawk li jistqarru li Kristu hu l-Mulej li jgħix għal dejjem (cfr *Atti* 2:36). L-Iben, li għandu l-ħajja fih (cfr *Ġw* 1:4), jagħti l-ħajja lil dawk li jrid Hu, lil dawk li jagħmlu t-tajjeb u li lesti jmorru għandu (cfr *Ġw* 5:19-29.40) Ir-relazzjoni ta' mħabba tad-dixxiplu għal Kristu ssir il-ħajja ġdida tiegħu: «Għax intom mittu, imma ħajjitkom hi moħbija ma' Kristu f'Alla. Meta jidher Kristu, li hu l-ħajja tagħkom, mbagħad intom ukoll tidhru flimkien miegħu fil-glorja.» (*Kol* 3:3-4; *Gal* 2:20) Għaliex Kristu huwa ħaj allura d-dixxiplu qatt mhu ser isib ruħu *bla difiża* quddiem min jakkużah: «Min se jikkundannahom [il-magħżulin ta' Alla]? Kristu Ġesù li miet, jew aħjar, li qam mill-imwiet, jinsab fuq il-lemin ta' Alla, hu li jidħol għalina.» (*Rum* 8:34)

**F'dak il-jum intom tagħrfu li jiena f'Missieri, u intom fija u jiena fikom. Min iżomm il-kmandamenti tiegħi u jħarishom, dak hu li jħobbni; u min iħobb lili, iħobbu wkoll il-Missier, u jiena wkoll inħobbu u nurih lili nnifsi.»**

Ir-relazzjoni ta' mħabba ssib il-qofol tagħha «f'dak il-jum» meta jasal «it-tieġ tal-Ħaruf» (*Apok* 19:7) fejn il-mistiedna li jkunu laqgħu s-sejħa ta' mħabbet Għarushom jersqu biex jidħlu fl-hena ta' Sidhom (cfr *Apok* 19:19; *Mt* 25:21.23; *Lq* 14:1-12). Għal dawk li jħobbuh, «lil dawk kollha li jkunu għexu fl-imħabba tad-Dehra tiegħu» (*2Tim* 4:8), dan il-Jum ikun wieħed li jimliehom bil-biża' tal-imħabba quddiem it-turija ta' Alla komunjoni u d-dħul tagħhom fi ħdan din l-imħabba (cfr *1Ġw* 3:2). Fuq din l-art id-dixxiplu għandu jibqa' jemmen li l-Mulej iħobbu

u Hu jitgħaxxaq f'din l-imħabba ta' bejniethom – hija mħabba ta' *preżenza fil-qalb*, ta' *faraġ,* li twassal għal *għarfien iżjed profond,* li *ssalva,* li ssir l-*għajn tal-hena* għad-dixxiplu: «Il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed f'nofsok, gwerrier li jsalva; minħabba fik jithenna b'hena kbir, fi mħabbtu jġeddek, jinfexx minħabba fik f'għajat ta' ferħ.» (*Sof* 3:17; cfr *2Kor* 4:6). Min-naħa tiegħu, id-dixxipli jrid jagħżel li jgħix ħajtu bħala relazzjoni ta' mħabba għal Kristu fl-istennija tal-Jum bla tmiem: «Iżda intom, għeżież, ibnu lilkom infuskom fuq il-fidi l-aktar qaddisa tagħkom; itolbu fl-Ispirtu s-Santu; żommu rwieħkom fl-imħabba ta' Alla; stennew il-ħniena ta' Sidna Ġesù Kristu għall-ħajja ta' dejjem. Uru ħniena ma' dawk li għadhom fid-dubju; salvawhom u aħtfuhom min-nar; l-oħrajn, ħennu għalihom, bil-biża', waqt li tiskerrhu saħansitra l-libsa mċappsa b'ġisimhom.» (*Ġud* 1:20-23).

**Għar-riflessjoni**

"*Orbotna dejjem aktar miegħek*: hija talba lill-Ispirtu s-Santu u permezz tal-Ispirtu s-Santu. Għaliex hu l-Ispirtu s-Santu li jorbot lill-bniedem ma' Alla; hu permezz tiegħu li Alla jidħol jgħammar fil-bniedem, li jmiss lill-bniedem. Hu jmexxina wieħed lejn l-ieħor, hu l-atmosfera ħajja ta' Alla li twassal għand Alla. Hu biss jista' jurina r-rotta t-tajba għal ħajjitna. U għalhekk din it-talba, li hija invokazzjoni lill-Ispirtu s-Santu, għandha tkun it-talba tagħna [...] : *Orbotna dejjem aktar miegħek*, missna minn ġewwa sabiex inkunu nistgħu nħossu mill-ġdid il-preżenza tiegħek fina. Agħtina s-sensibiltà u t-togħma għal dak li huwa tajjeb, għal dak li hu veru, għalik, għal Alla l-Ħaj. Agħmel li nġarrbu f'qalbna l-qawwa tal-preżenza tiegħek, agħmel li ngħixu l-hena tal-fidi. Urini l-mogħdija tiegħek, mexxini fit-triq it-tajba."

RATZINGER Joseph, «Per un cristianesimo che sostiene» (Omelija, Straubing 1988): RATZINGER Joseph/BENEDETTO XVI, *Insegnare e imparare l'amore di Dio,* = Testi Scelti 1/Il Sacerdozio, Cantagalli 2016, 53-54.